MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tas-16 ta' Frar, 2010

Numru 363/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**Vs.**

**JOSEPH MELI**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni li permezz taghha Joseph Meli ta’ 48 sena bin Carmelo u Antonia nee’ Simiana, imwieled Pieta’, nhar 06/03/57, residenti fil-fond numru 328, C Meli, Triq San Pawl, Valletta, detentur tal Karta ta’ l-Identita numru 194857M gie akkuzat:

a) talli nhar it-03 ta’ Frar, 2005, u granet ta’ qabel gewwa dawn il-Gzejjer, bil-hsieb li jtellef jew inaqqas il-gieh ta’ Keith Grech weggghu bi kliem b’gesti b’kitba,

b'figuri jew b'disinji mxandra jew esposti fil-pubbliku u dan kollu bi ksur ta' l-Artikolu 252(1),(3) tal Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens ta' l-Avukat Generali esebit bhala Dok. JM3 u nnutat li l-imputat Joseph Meli m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-imputat iddikjara li hu jaf lill-parte civile l-avukat Dr. Keith Grech LL.D. bhala persuna ta' integrita u ghaldaqstant jiskuzu ruhu mieghu dwar l-akkadut.

Innutat ukoll li fil-Verbal tas-Seduta tallum il-parte civile Dr. Keith Grech LL.D. presenti fl-Awla, fid-dawl ta' dak dikjarat mill-imputat iddikjara li qieghed jirrinunzja ghall-azzjoni kriminali fil-konfront tal-imputat.

Fid-dawk ta' tali rinunzja ghall-azzjoni kriminali fil-konfront tal-imputat da parti tal-parte civile Dr. Keith Grech LL.D., il-Qorti, fil-konfront tal-akkuza migjuba kontra l-imputat Joseph Meli tiddikjara procediment esaurit stante rinunzja da parti tal-parte civile Dr. Keith Grech LL.D.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------